# Is-Surmast Salvinu Vella
## Mitt Sena minn Twelidu

Is-Società Filarmonica La Vittoria tal-Mellieħa, imwaqqfa fl-1907, minn dejjem kellha l-privileġġ li tkun immexxija minn Surmastrijiet Diretturi magħrufa għall-ħila tagħhom fil-kamp tal-mużika f'Malta. F'għeluq il-Mitt Sena mit-twelid tas-Surmast Salvinu Vella, huwa tabilħaqq xieraq li ngħaddu dan it-tagħrif biografiku u nagħtu ħarsa lejn il-karriera mużikali ta' dan is-Surmast wild u ġieħ il-Mellieħa, li għal tnax-il sena sħaħ, mill-1970 sal-1982, mexxa l-Banda La Vittoria b'ħeġġa, b'ħila u b'dehen li ħallew l-impatt tiegħu fuq il-ġrajjiet li minnhom għaddiet din il-banda matul iż-żminijiet.

Is-Surmast Vella, minbarra li kien mużiċist kapaċi, kompożitur u għalliem, kien fuq kollox mogħni b'umiltà u bil-paċenzja, żewġ doni li komplew ikattru is-sbuħija tal-karattru tiegħu u li bihom huwa kiseb l-ammirazzjoni u stima ta' sħabu li kellhom ix-xorti li jaħdmu miegħu, kif ukoll ta' numru kbir t'allievi li minn għandu rċevew l-ewwel tagħlim mużikali tagħhom.

Il-ħidma bla serħan u d-dedikazzjoni tas-Surmast Vella fit-tmexxija tal-baned li kien jidderiġi, magħġuna mal-ġenerożità u s-sabar fit-tagħlim tal-mużika speċjalment fil-konfront tal-allievi ta' età ċkejkna, huma bla dubju għajn ta' ispirazzjoni u mudell stupend biex it-tfal u ż-żgħażagħ tal-lum Melleħin, jagħrfu jfasslu l-ġejjieni tagħhom.

Is-Surmast Salvinu Vella twieled nhar l-10 ta' Settembru 1910, iben Carmelo Vella u Franġiska xebba Grima. Ta' min jgħid li missier Franġiska, Salvatore kien wieħed mill-fundaturi tas-Società Filarmonica La Vittoria.

Ta' disa' snin, Salvinu beda jitgħallem il-mużika fiċ-Ċirkolu Mużikali La Vittoria. Huwa għażel li jitħarreġ fil-kwartin u tant mexa 'l quddiem fit-tagħlim ta' dan l-isturment li f'qasir żmien, ġie magħżul bħala kwartin prim fl-istess banda, kariga li huwa żamm sas-sena 1927. Ta' sittax-il sena, huwa beda kors biex isir għalliem fl-iskejjel tal-Gvern, iżda l-ġibda kbira li kellu għall-mużika ħajritu jibda jitħarreġ fl-armonija waħdu, mingħajr ebda għajnuna, fuq l-eżempju



tas-Surmast it-Tabib Emmanuel Caruana, mużiċist magħruf ta' żmienu biex ikompli jsegwi sewwa l-istudju mużikali b'mod aktar profond. Vella wasal biex abbanduna għal kollox l-impjieg fl-iskola u għalkemm meqjus bħala bniedem intelliġenti, wasal saħansitra wkoll biex jirrifjuta l-parir tas-superjuri tiegħu biex ikun aktar liberu li jista' jiddedika ruħu kompletament għall-istudju tal-mużika. Għaldaqstant Vella beda jattendi għall-lezzjonijiet fil-kompożizzjoni, fl-armonija u fil-kontrapunt għand is-Surmast Ġużè Abdilla u fil-pjanu forte għand is-Surmast Angelo Abdilla.

B'riżultat tal-istudji tiegħu, Vella rnexxielu jikseb Ċertifikati mir-"*Royal Academy of Music*" u "mir-*Royal College of Music*", it-tnejn ta' Londra. Is-Surmast Salvinu Vella kien ukoll rebaħ il-"*Gran Diploma d'Onore con Croce d'Argtento*" għall-kompożizzjoni tiegħu, il-Marċja "Malta", fil-Konkors Internazzjonali N. Salzano, miżmum f'Nocera Inferiore, Salerno fl-Italja, f'Marzu, 1928. Wara dan is-suċċess, is-Surmast Vella ġie maħtur Soċju fil-"*Camera degli Autori e Compositori di Musica Maltesi*" permezz ta' ittra mill-Professur Luigi Vella, Segretarju ta' din l-Għaqda li ġġib id-data tal-5 ta' Frar 1929. Din is-Soċjetà li kienet twaqqfet fis-16 ta' Diċembru 1923 u kellha bħala President Onorarju lil magħruf Surmast Malti Anton Nani, kienet pjuttost ta' xejra patrijottika u kellha bħala skop prinċipali li tgħin u tinkoraġġixxi lill-mużiċisti fil-karriera tagħhom kif ukoll biex ittejjeb il-professjonalità mużikali tal-membri tagħha.

Fis-sena 1929, is-Surmast Vella, issa meqjus bħala Surmast u Għalliem stabbilit tal-klarinett u l-pjanoforte, beda jgħallem il-mużika fid-dar tiegħu. F'din l-istess sena, dak li kien magħruf bħala l-*Mellieħa Constitutional Orchestra Club*, bit-tħabbrik ta' Carmelo Vella, missier is-Surmast Vella, flimkien ma' Kumitat ippresedut minn Dr. Angelo Attard Montalto, ġie mibdul f'Banda bl-isem *Imperial Band Club.* Fuq talba tal-Kumitat ta' din il-Banda l-ġdida, s-Surmast Vella aċċetta li jibda jgħallem l-allievi filwaqt li fuq suġġeriment ta' missieru, Carmelo Vella, Mro. Antonio Micallef ġie maħtur bħala l-ewwel Surmast Direttur tal-Banda l-ġdida.

Fil-21 ta' Settembru 1930, twettaq l-ewwel programm, mużikali mill-Banda Imperial li fih ħadu sehem l-allievi li kienu ġew mgħallma mis-Surmast Vella. Dan il-programm magħmul minn sitt kompożizzjonijet, beda b'Marċja oħra komposta mis-Surmast Vella. Bħala tifkira ta' din l-okkażjoni memorabbli, is-Surmast Micallef ġie mogħti bakketta, filwaqt li s-Surmast Vella ġie rregalat b'kopja ta' l-Opra *Il Re* tal-kompożitur magħruf Taljan Umberto Giordano awtografata mill-Awtur innifsu, b'dedika miktuba mis-Sur Ġużè Bugeja Bonnici: *"Al novello Maestro Salvatore Vella della "Imperial Band", Mellieħa, il Comitato in segno di riconoscenza e augurando futuri successi offre".*

Interessanti huwa l-fatt li fost il-mistednin distinti għal dan il-programm inawgurali kien preżenti s-Surmast Alfred Hare, Direttur Mużikali u kompożitur magħruf, li għoġbu jfaħħar u jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-ħila tas-Surmast Vella kemm bħala kompożitur kif ukoll bħala Direttur Mużikali. Xahrejn wara din l-okkażjoni, s-Surmast Salvinu Vella laħaq Surmast Direttur tal-Banda Imperial minflok is-Surmast Micallef. Is-Surmast Vella baqa' jħabbrek u jidderiġi l-Imperial s'April tas-sena 1948. Ta' min jgħid li taħt it-tmexxija tiegħu, din il-Banda għaddiet 'l quddiem kemm f'dak li huwa numru ta' Bandisti kif ukoll il-kwalità ta' programmi li kienet tipproduċi.

Sentejn wara, f'Ottubru, 1950, is-Surmast ġie fdat bit-tmexxija tal-Banda San Pawl ta' San Pawl il-Baħar wara li f'Awwissu tal-istess sena, s-Surmast Emanuele Gauci kien irtira minn Surmast Direttur ta' din il-Banda. Waħda mil-isbaħ okkażjonijiet li fihom ħa sehem is-Surmast Vella bħala Direttur Mużikali tal-Banda San Pawl ġa msemmija, kienet dik meta nhar il-Ħadd 29 t'April 1951, ġie inawgurat planċier ġdid li kien ġie rregalat mill-President tal-imsemmija Banda l-Avukat Dr. J. Attard Montalto, u maħdum minn Mosè Attard tan-Naxxar. F'dik il-lejla, l-President Dr. Attard Montalto ġie akkumpanjat b'marċi brijużi mid-dar tiegħu sal-planċier il-ġdid li kien imbierek mill-Kappillan Patri Ġanfranġisk Grima, fil-preżenza ta' bosta mistednin distinti u numru mdaqqas ta' ammiraturi u ħbieb. Wara riċeviment tal-okkażjoni, din il-festa spiċċat bl-esekuzzjoni ta' programm mużikali dirett mis-Surmast Salvinu Vella.

Fit-18 ta' Lulju 1968, is-Surmast Vella ħa f'idejh it-tagħlim tal-alljevi tas-Società Filarmonica La Vittoria. Bħala għalliem tal-alljevi, s-Surmast Vella jibqa' jissemma' għad-determinazzjoni qawwija u l-paċenzja karatteristika tiegħu magħġunin mal-ħila professjonali li biha kien kapaċi jikkomunika dak kollu li kellu maħżun f'moħħu lill-kotra kbira ta' tfal u żgħażagħ li kienu jattendu għall-lezzjonijiet tiegħu. Iżda fuq kollox, is-Surmast Vella kien mogħni b'tattika ġenjali kif iġib ruħu fil-konfront tal-istudenti tiegħu biex kien jirnexxielu jnissel fihom dik il-ġibda u ħeġġa aktar qawwija għal tagħlim mużikali dejjem aktar profond u raffinat.
F'Settembru 1970, fuq parir mogħti mis-Surmast Vincenzo Ciappara, li kien ilu jidderieġi l-Banda La Vittoria mis-sena 1957 sas-sena 1970, is-Surmast Salvinu Vella ġie maħtur Surmast Direttur tal-Banda msemmija, kariga li huwa żamm sakemm miet fit-2 ta' Frar 1982. Ta' min jgħid li l-parir mogħti mis-Surmast Vincenzo Ciappara kien altru wieħed ta' min jagħti widen tiegħu meta wieħed iqis l-istatura ta' dan is-Surmast magħruf minn dawk kollha midħla tal-mużika f'Malta u speċjalment tal-Baned fi ġżiritna. Is-Surmast Ciappara mingħajr ebda dubju kien meqjus bħala wieħed mil-aktar magħrufa ma' Malta kollha rigward il-kapaċità mużikali u l-esperjenza vasta tiegħu fl-oqsma tad-direzzjoni u l-kompożizzjoni. Meta s-Surmast Vella nħatar Direttur Mużikali tal-Banda La Vittoria sfortunatament din kienet qegħda tħabbat wiċċha ma diffikultajiet serji ta' natura teknika li kienu qegħdin jheddu saħansitra l-istess eżistenza tagħha bħala Soċjetà Mużikali.

Kien għalhekk wasal iż-żmien li titwettaq riforma mil-aktar radikali fis-sistema tal-istrumentatura użata mill-banda f'dawk iż-żminijiet. Huwa mertu kbir tal-Kumitat tad-Direzzjoni ta' dawk is-snin ta' kriżi li bil-ħidma għaqlija u b'rieda soda, mgħejjunin bl-għajnuna ġeneruża ta' numru kbir ta' membri, ħbieb, u ammiraturi tas-Soċjetà, din




il-kriżi ġiet megħluba b'wiċċ il-ġid u fl-aħħarnett, il-Banda La Vittoria rnexxielha takkwista strumentatura ġdida u moderna li setgħet taqdi l-esiġenzi meħtieġa biex il-Banda terġa' tikseb ħajja ġdida, tissaħħah u tibqa' miexja 'l quddiem fit-triq tal-ġieh. Is-Surmast Vella stinka kemm felaħ u ħadem bla waqfien biex iħarreġ għadd tassew sabiħ ta' alljevi li għenuh biex f'qasir żmien irnexxielu jerġa' jwaqqaf il-Banda fuq sisien aktar sodi.

Is-Surmast Vella, b'sens għoli ta' responsabbiltà u għaqal, għamel ħiltu kollha biex jara li jsir l-aħjar użu mill-istrumenti l-ġodda, l-aktar biex l-isforzi li kienu saru biex dawn jinxtraw ma jisfgħux fix-xejn. Għaldaqstant, huwa dedika l-ħin kollu tiegħu possibli biex bil-paċenzja karatteristika tiegħu u b'rieda qawwija, jkompli jrawwem u jgħallem alljevi ġodda dejjem aktar numerużi, jagħmel kunċerti regolari u jikteb il-mużika. Qatt ma kien sodisfatt u ferħan daqskemm meta kien jara l-Banda tiegħu ddoqq mingħajr bandisti barranin. Il-Banda La Vittoria gawdiet ħafna minn dan il-frott tal-ħidma għaqlija tas-Surmast Vella meta kienu jiġu esegwiti ħafna programmi kemm fil-Mellieħa kif ukoll f'diversi bliet u rħula ta' Malta b'suċċess tassew notevoli. Ta' min jgħid ukoll li l-Bandisti taħt id-direzzjoni tas-Surmast Vella, imqanqlin u ispirati mill-entużjażmu u l-ħeġġa tiegħu, għandhom ukoll mertu kbir u kienu l-fattur determinanti biex f'qasir żmien, il-Mellieħa setgħet terġa' tkun kburija b'waħda mill-aqwa Soċjetajiet Filarmoniċi li kien hawn f'Malta.

Matul iż-żmien tiegħu bħala Surmast Direttur tal-Banda La Vittoria, is-Surmast Vella kiteb għadd kbir ta' marċi brijuzi li wħud minnhom ġew irrekordjati bħala tifkira ta' dan is-Surmast. Minbarra li kien is-Surmast tal-Banda huwa kien ukoll Direttur tal-Kor u l-Orkestra Santa Cecilia. L-aħħar kompożizzjoni magħrufa tiegħu kien l-*Innu Marċ tal-75 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà u l-Banda La Vittoria.* Dan l-Innu kien ġie mitmum mis-Surmast Vella meta huwa kien rikoverat fl-Isptar San Luqa.

Is-Surmast Salvinu Vella miet nhar it-Tlieta 2 ta' Frar 1982. Kemm kien bniedem rispettat minn kulħadd, deher nhar il-Ħamis 4 ta' Frar 1982, meta għal ħabta tat-3.30 ta' wara nofsinhar, sar il-funeral fil-Mellieħa bil-parteċipazzjoni taż-żewġ Soċjetajiet Fialrmoniċi tal-Mellieħa, La Vittoria u Imperial, akkumpanjati mill-Kumitati tal-każini tal-Baned minn bosta bliet u rħula ta' Malta, flimkien ma' folla mdaqqsa li nġabret biex tagħtih l-aħħar tislima lil dan l-iben dehen tal-Mellieħa. Wara korteo funebri, fil-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa saret Quddiesa de Requiem li fiha ħa sehem il-kor Cantate Domino taż-Żurrieq. F'din l-okkażjoni l-Kappillan Dun Ġużepp Schembri sellem u radd ħajr lis-Surmast Salvinu Vella għal kontribut siewi li huwa ta' matul ħajtu b'risq il-mużika f'Malta u f'raħal twelidu, għall-ħidma tiegħu b'risq il-Parroċċa, kif ukoll għall-ħajja eżemplari li huwa dejjem għex fi ħdan il-familja tiegħu u ma' sħabu. Wara l-funzjoni reliġjuża, it-tebut tas-Surmast ntrefa' mill-Kumitat tal-Banda La Vittoria u twassal saċ-Ċimiterju tal-Parroċċa fejn saret id-difna. Ġest tassew simpatiku u sinifikattiv twettaq waqt id-difna meta Alljevi u Bandisti tefgħu fjuri fuq it-tebut bħala xhieda tal-imħabba u l-gratitudni tagħhom lejn dan il-benfattur li minnu ma rawx ħlief ġid u sliem.